**30 ta' Marzu, 1987**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Rita Portelli

*versus*

Onorevoli Prim Ministru *et*

## Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Terminu Ġudizzjarju

*Ir-rikorrenti kienet eċċipiet fi proċeduri preċedenti l-inkostituzzjonalità ta' liġi u l-Qorti kienet, f'dawk il-proċeduri, imponiet terminu biex hi tiddeduċi l-pretensjoni tagħha skond il-liġi. Ir-rikorrenti ddeduċiet il-proċeduri preżenti wara l-iskadenza ta' dak it-terminu l-intimati eċċepew l-irritwalità tagħhom minħabba dan il-fatt. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet din l-eċċezzjoni u l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*It-terminu impost minn Qorti m'hux wieħed perentorju u ma jwassalx għat-telf tad-dritt tar-rikorrent jekk ma jiġix osservat.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-istess Rita Portelli illi esponiet:

Illi hija l-proprjetarja tal-fond 55, Blanche Street, Sliema;

Illi b'sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Rita Portelli *vs* Harry Portanier" deċiża fl-10 ta' April, 1979, u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ġunju, 1979, l-intimat Harry Portanier ġie ddikjarat li qed jokkupa l-fond bla titolu u ġie mogħti żmien xahrejn biex jiżgombra minnu;

Illi b'ċitazzjoni pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Harry Portanier *vs* Rita Portelli" l-intimat Harry Portanier talab li jiġi ddikjarat u deċiż minn dik il-Qorti, li l-attur *qed jokkupa l-fond 55, Blanche Street, Sliema, b'titolu* ta' lokazzjoni skond l-Att XXIII ta' l-1979, b'żieda tal-kera fuq iċ-ċens skond kif indikat fl-istess Att, *stante* li hu ċittadin Malti u r-residenza normali u ordinarja tiegħu hija l-fond in kwistjoni;

u għaliex konsegwentement m'għandhiex dik il-Qorti tordna l-ħruġ ta' l-opportun kontro-mandat tal-mandat ta' żgumbrament Numru 940/79 fl-ismijiet "Rita Portelli *vs* Harry Portanier" maħruġ fil-31 ta' Awissu, 1979;

Illi r-rikorrenta eċċepiet fost affarijiet oħra l-inkostituzzjonalità ta' l-Att XXIII ta' l-1979 *in vista* ta' l-artikoli 48(9) u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi b'digriet tagħha ta' l-4 ta' Marzu, 1980, ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru, 1980, fil-kawża fl-ismijiet "Harry Portanier *vs* Rita Portelli" ddeċidiet billi pprefiġġiet terminu lir-rikorrenti ta' ħmistax-il ġurnata biex tipproċedi skond il-liġi għall-finijiet tal-ksur jew possibbilità ta' ksur ta' l-artikoli tal-Kostituzzjoni kif allegata minnha;

Illi għalhekk ir-rikorrenti pproċediet bil-preżenti istanza;

Illi r-rikorrenti tħoss li bil-mod li qiegħda tiġi interpretata u applikata l-liġi fuq imsemmija qiegħed jiġi vvjolat id-dritt ta' proprjetà tagħha protett mill-artikolu 38 u 48(9) tal-Kostituzzjoni. Bis-sentenza ta' l-10 ta' April, 1979, li mbagħad għaddiet in ġudikat, hija kellha stabbilit li ħadd ma kellu ebda dritt fuq il-fond numru 55, Blanche Street, Sliema. In kwantu l-Att ta' l-1979 ikkreja dritt ta' inkwilinat favur l-intimat Portanier hija tilfet il-pussess ta' dan il-fond, ħaġa għaliha ta' importanza kbira għax kellha bżonnu biex fih tgħammar bintha. Hija ma ġiet adegwatament ikkompensata għal dan it-telf u lanqas ingħatalha dritt ta' appell fuq il-fissazzjoni tal-kumpens relattiv u l-kundizzjonijiet tal-kirja;

Talbet li, peress li r-rikorrenti tħoss li d-disposizzjonijiet

ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ġew miksura u qed jiġu miksura minħabba li bħala konsegwenza tal-promulgazzjoni ta' l-Att XXIII ta' l-1979 hija m'hix jirnexxilha tesegwixxi s-sentenza ppreċitata ta' l-10 ta' April, 1979 u b'hekk ġiet ipprivata mill-pussess tal-proprjetà tagħha u titlob li dik l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħtiha r-rimedji xierqa u *neċessarji a termini* ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni, fosthom id-dikjarazzjoni li l-Att XXIII ta' l-1979 (sa fejn jista' jġib il-konsegwenza li hi ma tistax tirriprendi l-pussess tal-preċitata proprjetà tagħha) hu anitkostituzzjonali u għalhekk null għax jilledi d-drittijiet *fundamentali* tagħha;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Onor. Prim Ministru fejn espona;

Illi preliminarjament it-terminu prefiss mill-Onorabbli *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu, 1980 kkonfermat mill*-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru, 1980 fil-kawża "Harry Portanier *vs* Rita *Portelli*" biex ir-rikorrenti tipproċedi bir-rikors odjern skada ineżorabilment fid-9 ta' Diċembru, 1980, u għalhekk ir-rikorrenti ddekadiet mid-dritt li seta' kellha illi tipproponi din il-proċedura u għalhekk l-esponent għandu jiġi lliberat bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

Illi fil-mertu ma ġie miksur l-ebda dritt kostituzzjonali tar-rikorrenti;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat ir-risposta ta' Harry Portanier fejn *issottometta:*

Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija perenta *stante*

li r-rikorrenti ngħatat żmien ħmistax-il ġurnata biex tipproċedi b'din l-istanza, b'digriet ta' l-4 ta' Marzu, 1980, ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Novembru, 1980; illi t-terminu mogħti hu wieħed ta' dekadenza u għalhekk hu perentorju u r-rikors kif illum propost ġà ppreżentat fit-23 ta' Awissu, 1985; ferm wara l-għeluq tat-terminu ta' 15-il ġurnata wara l-24 ta' Novembru, 1980;

Dejjem *in linea preliminari* r-rikorrenti għadha ma pproduċietx il-prova (kif żmien ilu obbligat ruħha li tagħmel) li hi l-unika proprjetarja tal-fond, 55, Blanche Street, Sliema;

Fil-mertu u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, mhux minnu li l-applikazzjoni ta' l-Att XXIII ta' l-1979 jivvjola d-drittijiet fundamentali tagħha, u dan peress *li l-istess Att* jipprevedi kumpens xieraq u adegwat billi l-kera (flok iċ-ċens) li jiġi ipperċepit mis-sid issir id-doppju; dejjem jekk jikkonkorru l-kundizzjonijiet *l-oħra imposti mill-istess Att*;

Inoltre mhux minnu li l-esponent għandu postijiet vojta, anzi kif jista' *jiġi ppruvat, hu* wkoll intlaqat bl-istess mod bħar-rikorrenti *stante* li hu wkoll kellu post mogħti lil terzi b'ċens temporanju li ċjoè kkonvertit f'kera fit-termini ta' l-istess Att;

Illi illum l-anqas ma għadu jeżisti l-*"hardship"* li oriġinarjament kienet tilmenta minnu r-rikorrenti, u dan għaliex fejn kien joqgħod binha Peter Paul Portelli, bieb ma' bieb magħha, fi Blanche Street, Sliema, illum hu vojt, peress li dan mar jabita f'fond f'Upper Victoria Terrace, Sliema, u għalhekk bintha hija liberissima li tokkupa dan il-post vojt ħdejn ir-rikorrenti *ommha*;

Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-20 ta' Ġunju, 1986, li rrespinġiet l-ewwel eċċezzjoni mogħtija miż-żewġ intimati għas-spejjeż tagħhom, u ordnat il-prosegwiment tal-kawża, u dan wara li kkunsidrat illi:

Din hija deċiżjoni limitata għall-eċċezzjoni preliminari ssollevata mill-intimati kif aktar 'il fuq esposta. Mela l-kwistjoni kollha hija dwar jekk it-terminu mogħti ta' ħmistax-il jum minn dik il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, u dan fl-4 ta' Marzu, 1980, skadiex ineżorabbilment wara d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell iddatata 24 ta' Novembru, 1980. Setgħet allura l-odjerna rikorrenti tistitwixxi r-rikors in diżamina ferm wara l-għeluq tad-data fuq imsemmija? Fil-fatt, ir-rikors tar-rikorrenti Rita Portelli (dak numru 151/85F) ġie ppreżentat fit-23 ta' Awissu, 1985;

Fit-tweġiba tiegħu in iskritt u amplifikata permezz ta' nota ta' osservazzjonijiet l-intimat **Portanier** spjega d-distinzjoni eżistenti bejn il-kunċett legali tal-preskrizzjoni minn dak ta' dekadenza, fil-waqt illi sostna li hawn *si trattava* ta' terminu perentorju u ta' dekadenza;

Wara li għarblet sew is-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti taqbel mat-teżi tar-rikorrenti li terminu huwa perentorju meta dan ikun wieħed stabbilit in forza ta' liġi u li trid tkun il-liġi li tgħid jekk terminu hux perentorju jew inkella le. Altrimenti, it-terminu jkun wieħed mhux perentorju f'liema każ, il-Qorti, tkun awtorizzata li tagħtih fid-diskrezzjoni tagħha u tipprorogah għal raġuni ġusta u fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Hawnhekk *non si tratta* ta' terminu kkomminat u/jew impost *ex lege* imma

*terminu ġudizzjarju. It-terminu ma ġiex stabbilit* b'*liġi iżda minn* Qorti li għalih japplika allura l-artikolu 106 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15 L.M.);

Għandu wkoll jingħad li fis-26 ta' April, 1985, fil-kawża fl-ismijiet "Rita Portelli *vs* Ministru tal-Ġustizzja" ġie deċiż li l-leġittimu kontradittur ma kienx il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament għax f'każi dwar validità jew nullità ta' *liġi mgħoddija mill-Parlament huwa l-Prim Ministru l-persuna* li għandha tiġi mħarrka in rappresentanza tal-Gvern ta' Malta. Din kienet ir-raġuni li għaliha ma sarux proċeduri fiż-żmien prefiss kontra l-odjern intimat għax il-kwistjoni kienet għadha *sub judice;*

Ċertament però m'għandux ifisser ukoll li b'daqshekk ir-rikorrenti ġiet prekluża milli tistitwixxi proċeduri oħra kontra l-Onorevoli Prim Ministru in sostenn ta' dak illi hija qiegħda tallega. *Se mai* jista' jkun hemm lok ta' eċċezzjonijiet legali oħra da parti ta' xi wieħed mill-intimati però mhux a bażi tar-raġunijiet imsemmija minnhom fit-tweġiba tagħhom. Dan ir-rikors għalhekk, kif propost, għandu ħajja għalih separatament u indipendentement mill-kawżi u proċeduri oħra bejn il-kontendenti għalkemm il-mertu huwa intimament konness;

Rat ir-rikors ta' l-intimat Harry Portanier li appella minn dik is-sentenza u, għar-raġunijiet fl-istess rikors imsemmija, talab li l-imsemmija sentenza tiġi rrevokata u minn flokha tiġi milqugħa l-eċċezzjoni preliminari tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti Rita Portelli li, għar-raġunijiet hemm imsemmija, issottomettiet illi s-sentenza appellata, fil-

mertu, hija ġusta u timmerita konferma, u għaldaqstant l-appell ta' l-imsemmi Harry Portanier għandu jiġi rriġettat;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-Difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Kif jirriżulta mill-atti proċesswali, ir-rikorrenti appellata kellha t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata mill-24 ta' Novembru, 1980 (data tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li kkonfermat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Marzu, 1980) biex tipproċedi skond il-liġi għal deċiżjoni dwar l-allegazzjoni tagħha ta' l-inkostituzzjonalità ta' l-Att XXIII ta' l-1979, li kienet waħda mill-eċċezzjonijiet minnha ssollevati fil-kawża fl-ismijiet "Harry Portanier *vs* Rita Portelli pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Ir-rikors odjern ġie ppreżentat mill-appellata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Awissu, 1985, ċjoè ferm wara l-iskadenza ta' l-imsemmija ħmistax-il ġurnata, għalkemm fil-frattemp l-appellata kienet ippreżentat rikors ieħor għall-istess skop, iżda l-intimat f'dak ir-rikors kien ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkonfermata b'dik ta' din il-Qorti tas-26 ta' April, 1985, billi kien ġie deċiż li ma kienx il-leġittimu kontradittur f'dawk il-proċeduri;

Għalhekk, jissottometti l-appellant intimat fir-risposta tiegħu għar-rikors promotur ta' dan il-ġudizzju, l-azzjoni odjerna hija perenta billi t-terminu mogħti hu wieħed ta' dekadenza u

għalhekk perentorju;

F'din il-proċedura r-rikorrenti qiegħda taġixxi fit-termini ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni peress li tippretendi li l-Att XXIII ta' l-1979 hu antikostituzzjonali u jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha għar-raġunijiet minnha esposti; Kif diġà ġie rrilevat, din kienet waħda mill-eċċezzjonijiet (l-inkostituzzjonalità ta' l-Att XXIII ta' l-1979) issollevati mir-rikorrenti appellata fil-kawża msemmija fl-ismijiet "Harry Portanier *vs* Rita Portelli" pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'liema kawża l-attur (l-intimat appellant Harry Portanier f'dawn il-proċeduri) qiegħed jitlob dikjarazzjoni li qed jokkupa l-fond hemm imsemmi b'titolu ta' lokazzjoni skond l-Att XXIII ta' l-1979. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, eventwalment ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell, ipprefiġġiet terminu ta' ħmistax-il ġurnata lir-rikorrenti (konvenuta f'dik il-kawża) biex tistitwixxi l-azzjoni opportuna quddiem il-Qorti kompetenti billi d-deċiżjoni rilevanti ma setgħetx tingħata fuq eċċezzjoni f'dik il-kawża;

Fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas tar-rikorrenti appellata li tistitwixxi l-proċeduri fiż-żmien ta'l-imsemmija ħmistax-il ġurnata, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, jista' jwassal biss għall-konklużjoni li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża msemmija pendenti quddiemha jkollha tiskarta l-eċċezzjoni ta' l-allegata inkostituzzjonalità ta' l-Att XXIII ta' l-1979 u tkompli tisma' l-kawża u tiddeċidi dwar it-talba attriċi kif ikkontestata bl-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuta;

B'danakollu, però, ir-rikorrenti appellata jekk tallega li xi dritt fundamentali tagħha protett mill-Kostituzzjoni ġie, qiegħed jiġi jew x'aktarx se jiġi miksur fil-konfront tagħha, ma tista' bl-

ebda mod titlef id-dritt li taġixxi bl-azzjoni opportuna, mogħti lilha mill-istess Kostituzzjoni, fuq is-sempliċi motiv li ma istitwietx din l-azzjoni fit-terminu arbitrarjament impost lilha mill-Qorti fil-kors ta' proċeduri ta' *natura ċivili* bl-iskop uniku li jiġu spediti u ma jiġux inċampati indebitament dawk il-proċeduri;

Il-Qorti taqbel ma' dak li ġie diversi drabi ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li t-terminu mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ in eżami huwa wieħed minn dawk li l-prefissjoni tagħhom mhux preskritt mil-liġi, iżda huwa wieħed minn dawk li b'konswetudini jiġu ffissati fid-diskrezzjoni tal-Qorti, u għalhekk huwa terminu arbitrarju u mhux perentorju (Vol. XXVI, I, 521; XXVII, II, 224; XXVIII, I, 581);

In-nuqqas ta' osservanza ta' dan it-terminu jista' biss, *se mai*, jinfluwixxi fuq l-andament tal-proċeduri li fil-kors tagħhom ġie mogħti, iżda ma jista' bl-ebda mod jippriva lir-rikorrenti appellata mid-dritt ta' eżerċizzju ta' azzjoni mogħtija lilha mill-Kostituzzjoni għall-ħarsien u preservazzjoni ta' dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni. X'jista' jkun l-effett ta' deċiżjoni f'dan il-ġudizzju, tkun f'liema sens tkun, fir-rigward tal-kawża msemmija pendenti bejn l-appellata u l-appellant quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili huwa għal kollox irrilevanti u estraneju għal dan il-ġudizzju;

M'hemmx għalfejn jingħad li hawnhekk m'aħniex qegħdin fil-kamp tal-jattanza, u n-nuqqas ta' azzjoni fiż-żmien lilha prefiss mill-Qorti għall-finijiet ġà rilevati ma jista' qatt jekwivali għall-imposizzjoni tas-silenzju perpetwu lir-rikorrenti appellata f'materja ta' dritt fundamentali tagħha stabbilit u protett mill-Kostituzzjoni;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant u tordna li l-atti jiġu rrinvjati lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.